# Il-Ħadd 07.02.2016

1. Illum, 07/02, **Jum il-Ħajja**:
   - Fil-5:30pm - Quddiesa li fiha nitolbu u nirringrazzjaw lil Alla ta' Sr Bibiana Grech o.p. li tul dawn l-aħħar għaxar snin serviet bħala Superjura tas-Sorijiet Dumnikani fir-raħal tagħna, kif ukoll tat kontribut siewi fil-parroċċa tagħna, u li ser tingħaqad mal-Kommunità ta' Santa Katerina, f'Ħat-Attard.
   - Illum ukoll, David Pace mill-Parroċċa tagħna, u li bħalissa qiegħed il-Filippini, qed jibda b'mod uffiċċjali n-Novizzjat mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (M.S.S.P.). Nawgurawlu u nitolbu għalih.

2. It-Tnejn 08/02:
   - Mit-8:30am sas-2:00pm, ser issir Ħarġa għall-Abbatini. Nitilqu minn fejn il-knisja.

3. L-Erbgħa 10/02, **l-Erbgħa ta' l-Irmied, il-bidu tar-RANDAN Imqaddes**:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niċċelebraw ċ-ċentralità tas-salib f'dan iż-żmien speċjali għall-Knisja, kif ukoll it-tberik u t-tqegħid tal-Irmied, sinjal ta' indiema u penitenza.
   - *Matul ir-Randan tintalab il-Via Sagra kull nhar t'Erbgħa u Ġimgħa, minflokk ir-Rużarju.*

**Infakkru li matul dan il-jum hemm l-obbligu komuni għas-Sawm u l-Astinenza**:

B'sawm għandna nifhmu ikla prinċipali fil-ġurnata, u b'astinenza nifhmu li wieħed:
- i) ma jiekolx laħam;
- ii) joqgħod lura minn xorb alkoħoliku;
- iii) ma jpejjipx;
- iv) irażżan l-infiq; u
- v) jiċċaħħad minn xi divertiment.

Dan sabiex jużа l-ħin aħjar ħalli jieħu ħsieb aktar ruħu, billi:
- vi) jieħu sehem f'Quddiesa, jew jitlob il-Via Saġra;
- vii) jitlob aktar mal-familja, eż. ir-Rużarju;
- viii) jaqra l-Bibbja;
- ix) jagħti karità; u
- x) jżur lill-morda jew lill-anzjani li huma weħidhom.

4. Il-Ħamis 11/02, **Jum il-Morda**.

5. Il-Ġimgħa 12/02:
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru.

6. Is-Sibt 13/02:
   - Mis-7:00pm sat-8:00pm, ser issir Konferenza dwar il-Familja fl-Awditorju tal-MUSEUM, il-Blata l-Bajda. Il-Kelliema jkunu Dr Clarissa Sammut Scerri li titratta: *'Kif insaħħu l-Familja'*, u Dr Robert Tufigno dwar *'Il-Liġi u l-Familja'*.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja tal-Erwieħ, Ħal Tarxien.

7. Il-Ħadd 14/02, **l-Ewwel Ħadd tar-Randan**.
   - Il-Ġabra tkun waħda speċjali b'risq is-Seminarju.

8. Il-Ħamis 18/02:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: ikollna Quddiesa, u wara Żjara u Coffee Morning fil-BirdPark Malta, is-Salini. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 500 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.

10. Nitolbu għal Guido Falzon li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
    Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...